MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 94/2009

**Blokrete Limited**
**(C 263)**

**vs**

**Alpha Oil Services & Trading Limited**
**(C-11408)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta rikorrenti fit-12 ta' Marzu 2009 fejn l-istess socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta intimata thallasha is-somma ta' disa' t'elef mija u tlieta u hamsin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€9,153.22) rapprezentanti l-valur ta' materjal ghal-bini mibjugh u kkonsenjat lilha u ta' servizz provdut lilha mis-socjeta rikorrenti fuq inkarigu taghha stess.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 18 ta' Marzu 2008, u bl-imghax legali dekoribbli mill-14 ta' Lulju 2006 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta.

Rat illi fit-3 ta' Awissu 2009, wara illi l-avviz gie ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetti lokali, s-socjeta intimata ipprezentat ir-risposta taghha u eccepiet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti mhuwiex il-legittimu kontradittur in kwantu mhuwiex minnu li s-socjeta rikorrenti kkonsenjat materjal jew pprovdiet servizzi lill-esponenti imma lis-socjeta barranija Pipeshield International Limited. Ghal dan il-ghan ghandha tigi kjamata in kawza s-socjeta barranija msemmija;

2. Illi, fi kwalumkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohrajn, l-esponenti m' ghandha xi taghti xejn lis-socjeta rikorrenti;

3. Illi, fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohrajn, l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa esagerat u qieghed jigi kkontestat

4. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Joseph Fenech** moghtija fit-3 ta' Novembru 2009 (fol 25), fl-20 ta' Jannar 2010 (fol 38) u, in kontro ezami, fil-15 ta' Frar 2011 (fol 47).

Rat ix-xhieda ta' **Paul Pisani** moghtija fit-2 ta' Novembru 2010 (fol 44), fil-15 ta' Frar 2011 (fol 51) u fis-17 ta' Ottubru 2011 (fol 109)

Rat id-dokumentazzjoni kollha.

Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2011, il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta intimata u kjamat in kawza is-socjeta estera Pipe Shield International Limited.

Rat illi, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2012 u tat-23 ta' Marzu 2012, ma kienet saret ebda tentattiv ta' notifika tas-socjeta kjamata in kawza.

Rat illi, fis-16 ta' April 2012, minkejja t-twissija moghtija mill-Qorti fis-27 ta' Jannar 2012, s-socjeta intimata baqghet ma ghamlet ebda tentattiv ghan-notifika tas-socjeta kjamata in kawza, u ghalhekk, il-Qorti irrevokat contrario imperio id-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru 2011 u d-differiet il-kawza ghall-provi kollha tas-socjeta intimata bl-intiza illi wara dakinhar il-provi taghha ser jigu dikjarati maghluqa.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012, hadd ma deher ghas-socjeta intimata u baqghet ma pprezentat ebda provi ohra u ghalhekk il-Qorti iddikjarat il-provi taghhom bhala maghluqa u ddifferit il-kawza ghas-sentenza ghall-5 ta' Ottubru 2012.

**Fatti**

Skond ix-xhieda moghtija minn Dr Joseph Fenech, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, is-socjeta intimata, rapprezentanta minn Paul Pisani, kienet avvicinatha sabiex tipprovdilha ammont ta' konkos ghal progett illi kellha f'idejha. Wara illi Dr Fenech u s-sur Pisani ftehmu fuq il-kwantita u r-rati, huma bdew jaghmlu il-konsenji. Tali konsenji saru bejn Ottubru u Dicembru tas-sena 2005 u d-delivery notes kollha tax-xoghol, ipprezentati mis-socjeta rikorrenti a fol 61 sa 102, ilkoll inhargu f'isem Alpha Oil (AOST) ossija s-socjeta intimata. Il-pagamenti kienu qed isiru regolarment, u dana dejjem mis-socjeta intimata, pero, meta waslu ghal ahhar fazi tal-konsenji, il-pagamenti waqqfu. Meta eventwalment gie kkuntattjat is-Sur Pisani, dana qallu illi kellu bzonn ftit zmien sabiex ihallas il-konsenji li fadal.

Dr Fenech jaghmel referenza ghall-allegazzjoni imressqa mis-socjeta intimata illi l-pagament kellu jsir mis-socjeta estera Pipeshield International Limited u mhux minnu, u

huwa jishaq li s-socjeta rikorrenti qatt ma kellha xi relazzjoni kummercjali ma' dina s-socjeta u qatt ma ltaqghet maghha jew ma xi rapprezentant taghha. L-uniku darba illi kellu xi tip ta' kuntatt mas-socjeta estera Pipeshield International Limited kienet wara illi ma kienetx qed thallas is-socjeta intimata, u dana permezz ta' emails datati 9 u 10 ta' Novembru 2010 (fol 49), fejn huwa staqsa jekk kienx ghad fadallhom xi pendenzi mas-socjeta intimata, u dawna rrispondew illi huma qatt ma kellhom x'jaqsmu mas-socjeta rikorrenti u lis-socjeta intimata hallsuha kollox.

Dr Fenech sahaq ukoll illi l-ewwel darba li sema bil-kumpannija kienet meta gew intavolati l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata u s-socjeta rikorrenti dejjem kellha relazzjoni mas-socjeta initmata, rapprezentata minn Paul Pisani, u mieghu kienu saru d-diskussjonijiet u l-ftehim dwar kollox. Huwa sahaq ukoll illi kienet l-istess socjeta intimata illi dejjem hallset il-pagamenti.

Minn naha l-ohra, Paul Pisani, rapprezentant tas-socjeta intimata, qal illi huwa rapprezentant tas-socjeta estera Pipeshield International Limited, kif jirrizulta minn ittra datata 30 ta' Settembru 2005 (fol 56). Huwa qal illi certu Steve Howlett, Managing Director ta' Pipeshield International Limited, kellu progett u ried jaghmlu Malta. Ghalhekk, Pisani gablu diversi quotes ghal-provvizjoni tal-konkos u intghazlet is-socjeta rikorrenti. Imbghad, is-socjeta intimata agiet bhala facilitatur ghax-xoghlijiet billi ssorveljat ix-xoghol isir u, ghall-konvenjenza ta' kullhadd, l-invoices bdew johorgu f'ismiha, is-socjeta estera imbghad tghaddi l-pagament lilha u s-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrent b' tali flejjes. Huwa sahaq illi l-unika raguni ghaliex l-ahhar pagamenti lis-socjeta rikorrenti ma sarx kien ghax is-socjeta estera Pipeshield International Limited kienet naqqset milli tghaddilhom il-flus li kellhom jithallsu. Pisani sahaq illi s-socjeta rikorrenti kienet taf li r-relazzjoni taghha kienet mas-socjeta estera, tant illi, darba minnhom, f'Mejju 2006, wara li kien inhareg kont f'isem is-socjeta intimata, wara li s-socjeta intimata talbet lil Dr Fenech johorgu f'isem is-socjeta estera, huwa

bghat kopja ta’ l-invoice, din id-darba, f'isem is-socjeta estera (vide fol 57 u 58)

Paul Pisani imbghad qal illi s-socjeta estera fadallha thallas xi flejjes lis-socjeta intimata, u kien ghalhekk illi ma kienx vera dak li stqarr Howlett fl-email tieghu gia esebita mis-socjeta rikorrenti a fol 49 tal-process.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta ampjament ippruvat illi s-socjeta rikorrenti ipprovdiet is-servizz u l-materjal kif kien minnha rikjest u ta' dana il-fatt ma kien hemm ebda kontestazzjoni, peress illi, kif stqarr r-rapprezentant tas-socjeta intimata stess, l-unika raguni ghaliex ma sarx il-hlas kien in vista tal-fatt li s-socjeta estera ma kienetx ghaddiet il-pagamenti - ghalhekk it-tieni u tielet eccezzjonijiet ma jirrizultawx.

Jirrrizulta wkoll mill-atti processwali, illi l-Qorti tat l-opportunita' lis-socjeta intimata illi tinnotifika lis-socjeta estera Pipeshield International Limited, fuq talba taghha stess, izda, wara tlett differimenti fuq medda ta' sitt xhur, ma kien sar ebda tentattiv biex tinbeda l-procedura ta' notifika barra minn Malta, ahseb u ara kemm saret in-notifika. Kien ghalhekk illi deher car li tali talba kienet intiza unikament sabiex ittawwal il-proceduri quddiem il-Qorti u ghalhekk id-digriet tal-kjamat in kawza gie revokat.

Jirrizulta wkoll mill-atti processwali illi x-xoghol kollu illi gie kkonsenjat mis-socjeta rikorrenti, kien kollu ikkonsenjat lis-socjeta intimata, kif jirrizulta mid-delivery notes kollha esebiti a fol 61 sa 102 tal-process, jigifieri tmenin (80) delivery note.

Jirrizulta illi l-unika darba illi kien hemm xi oggezzjoni mis-socjeta intimata kienet biss meta f'Mejju 2006, wara illi l-materjal kien ilu kkonsenjat xi sitt xhur, li hija talbet li tinhareg invoice f'isem is-socjeta estera u mhux f'isem is-socjeta intimata.

Il-Qorti tifhem illi s-socjeta intimata kienet qieghda tagixxi ghan-nom tas-socjeta estera Pipeshield International Limited, u aktar minn facilitator, hija kellha tipprovdi "*support services*" lis-socjeta estera, kif jidher fl-appointment letter datata 30 ta' Settembru 2005. Tali ittra, infatti, turi bl-aktar mod car u inekwivoku x'kien ir-rwol tas-socjeta intimata lejn is-socjeta estera:-

*"the provision of a casting yard, labour, materials and equipment"*

Jirrizulta ghalhekk car u lampanti illi s-socjeta intimata kellha tipprovdi l-materjal hija stess u mhux, kif qieghda tipprova tallega, kienet qed taghmilha ta' intermedjarja. Hija kienet intrabtet illi tipprovvdi kollox lis-socjeta estera, fosthom il-materjal necessarju, liema materjal inxtara minghand is-socjeta rikorrenti.

Il-fatt illi s-socjeta intimata ghad ghandha tiehu xi flejjes minghand is-socjeta estera Pipeshield International Limited u li ghalhekk ghad ghandha pendenzi maghha ma ghandu ebda rilevanza assoluta ghal-pretensjonijiet imressqa mis-socjeta rikorrenti, liema pretensjonijiet huma gusti u meritvoli.

Huwa car illi s-socjeta rikorrenti ipprovdiet il-materjal lis-socjeta intimata u s-socjeta intimata ma tridx thallas il-bilanc peress illi hi, allegatament, ma thallsietx ta' tali materjal. Jekk hi ghandha xi problema mas-socjeta estera, din hija problema taghha, u ghaliha certament ma ghandhiex tbaghti s-socjeta rikorrenti - ghalhekk l-ewwel (1) u r-raba (4) eccezzjonjiet ma jirrizultawx lanqas.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat il-provi u d-dokumentazzjoni kollha imressqa

Wara illi gharblet sew il-kaz.

Tghaddi u tiddeciedi billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata u

**Tilqa** t-talbiet attrici u tiddikjara illi s-socjeta intimata ghandha thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' disa’ t’elef mija u tlieta u hamsin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€9,153.22) u

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata Alpha Oil Services & Trading Limited thallas lis-socjeta Blokrete Limited is-somma ta' disa’ t’elef mija u tlieta u hamsin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€9,153.22) skond kif mitlub fl-avviz.

L-imghax jibda jiddekorri mill-14 ta' Lulju 2006 u l-ispejjez kollha huma a karigu tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------